SANTA LUĊIJA
MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**It-Tmien Leġislatura**
**Laqgħa Numru 04-19**

**16 ta' Settembru 2019**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Terrence Ellul - Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**4.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qrat l-ittri ta' apoloġiji tal-Kunsillier Terrence Ellul u tal-Kunsillier Liam Sciberras

**4.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 03-19**

**4.2.1 *Premju Anzjanita' Attiva***

Il-Viċi Sindku irrefera għal minuta 3.4.9 u qal lis-Sur Maurice Micallef ser jiġi innominat mill-Kunsill sew għal premju Anzjanita' Attiva kif ukoll għall-Premju Anzjanita' Attiva fil-qasam Kulturali.

**4.2.2 *Kuntratt għat-tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi f'Santa Luċija***

Il-Viċi Sindku irrefera għall-kuntrattur il-ġdid fuq is-servizz hawn fuq imsemmi u qal li dan offra li jieħu ħsieb ukoll iċ-ċanet madwar il-latrini b'mod volontarju.

**4.2.3 *Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 03-19 ġew approvati mill-Kunsill.

**4.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**4.3.1 *Approvazzjoni ta' Xiri u Kwotazzjonijiet***

- Il-Kunsill approva talba biex jinxtara *iphone* tal-Kunsill
- Il-Kunsill innota kwotazzjoni għal xiri ta' *ipad* u qabel li għandhom jinġiebu aktar kwotazzjonijiet.
- Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' €195.00 għal *printing* tal-programm tal-kunċert tal-Angelic Voices li ser itella' l-Kunsill fix-xahar ta' Settembru 2019.
- Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' *grass cutter* u *hedge trimmer* biex jintużaw waqt il-Clean up Day. L-ispiża totali tammonta għas-somma ta' €740.00 u ser ikun qed jintalab reinborż mill-fondi allokati taħt l-iskema marbuta mal-Clean up Day.

**4.3.2 *Subsistance Allowance – Europe for Citizens Proġett Evoke***

Il-Kunsill approva il-ħlas għall-lejl addizjonali ta' *subsistance allowance* għall-parteċipanti tal-Kunsill fuq il-proġett Evoke peress li kien hemm problemi bil-*flights* u l-parteċpanti waslu Malta fit-13 ta' Awissu 2019 minflok fit-12 ta' Awissu 2019 kif kien skedat.

**4.3.3** ***Ħlas ta' arretrati fuq il-kont tal-konsum tal-Ilma fil-Latrina Pubblika f'Dawret it-Torri***

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill irċieva kont ta' €1921.32 fuq konsum ta' ilma bejn l-24-08-2016 u d-29-07-2019 peress li f'dan il-perjodu ma kienx qed jiġi irreġistrat konsun. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Segretarju Eżekuttiv biex l-ammont imsemmi jitħallas fuq erba' paġamenti.

**4.3.4** ***Approvazzjoni għall-ħlas***

Il-Kunsill approva l-pagament ta' €5,135.00 lill-orkestra Medina Foundation for Music tal-Kunċert 'Fewġa Klassika'. Ġie innutat li l-ammont ta' €3950 ta' din in-nefqa ġew minn *sponsorship.*

**4.3.5** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM04-19 għall-perjodu bejn is-6 ta' Awissu 2019 u d-9 ta' Settembru 2019 u minn *cheque* numru BOV 7726 sa *cheque* numru BOV 7757

**4.4** **Rapport Finanzjarju għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2019 u t-30 ta' Ġunju 2019**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport finanzjarju għall-perjodu hawn fuq imsemmi. Hija qrat rendikont tax-xogħolijiet tal-Kunsill f'dan it-tieni kwart tas-sena. L-*Accountant* tal-Kunsill li kienet preżenti għall-Laqgħa tat spjegazzjoni tad-dħul u l-infieq tal-Kunsill fil-perjodu msemmi. Hija qalet li ma kienx hemm spejjeż straordinarji u l-ispejjeż huma komparabbli ma' dawk tal-ewwel kwart tas-sena. Ġie nutat li l-Kunsill ser jagħlaq l-ewwel sitt xhur tas-sena b'*surplus* ta' €6,545.00.

**4.5** **Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

**4.5.1** **Skemi ġodda ta' Għajnuna mir-Reġjun Nofsinhar**

Is-Sindku irreferit għal fondi mir-Reġjun Nofsinhar għal attivitajiet kulturali li jlaħħqu sa massimu ta' €2500.00. Il-Kunsill qabel li japplika għall-fondi għal spejjeż relatati ma' kunċert mill-kor tat-tfal Angelic Voices bl-isem ta' 'Kanzunetti Popolari Maltin' li ser isir nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Settembru 2019.

**4.5.2** **Ambjent Malta tqassim ta' siġar għall-Kunsill**

Is-Sindku irreferit għas-siġar li ser jingħata l-Kunsill minn Ambjent Malta u l-Kunsill qabel li jġib konferma li l-erbgħa u tletin siġra li applika għalihom il-Kunsill kienu ser jingħataw kollha ħalli jsiru l-arranġamenti neċessarji.

**4.5.3 Attivitajiet b'risq il-Community Chest Fund**

Is-Sindku tkellmet dwar attivitajiet tal-Kunsill sa l-aħħar tas-sena 2019 li jistgħu jsiru b'risq il-Community Chest Fund. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma l-Malta Community Chest Fund bl-attivita' tal-kunċert tat-tfal u bl-attivita tal-Kunċert mill-korijiet f'Diċembru 2019.

Il-Viċi Sindku qal li l-ġabra li saret waqt il-Kunċert Fewġa Klassika b'risq il-Community Chest Fund kienet tammonta għas-somma ta' €570.00.

**4.5.4 Xiri ta' materjal għal *pitch* tal-*basket ball***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill ser jinxtara l-materajal neċessarju biex jiġi *reinstated* il-*pitch* tal-basket ball fil-*playing field area*. Hija tat indikazzjoni ta' l-ispiza nvoluta u l-Kunsill qabel li dawn jinxtraw ta' kwalita tajba mill-ewwel.

**4.5.5 Servizz ta' tindif u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi**

Is-Sindku irreferit għas-sigħat ta' servizz skont il-kuntratt il-ġdid tat-tindif u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi f'Santa Luċija. Hija qalet li waqt laqgħa li saret mal-Kuntrattur, dan ipproponi li huwa aktar prattiku li kull sagħtejn jiġi jnaddaf il-latrini minflok joqgħod hemm f'ħinijiet fissi. Is-Sindku qalet li ser issir prova ta' xahar biex naraw kif immorru u wara niddeċiedu.

**4.5.6 New Street Lighting**

Is-Sindku tkellmet dwar il-problema ta' dawl tat-toroq fi Triq Ġiżimin u qalet li saru tlett *brackets* bil-lampi ġodda u ser jiġu eliminati l-arbli li mhux qed jixtgħelu**.**

**4.5.7 Cirk AKL 2019/093 – Social Media**

Is-Sindku infurmat lil-Kunsill li ser tkun hi ir-rappreżentant tal-Kunsill fuq *social media*. Hija qalet li ser tkun qed tagħmel dan flimkien mal-Kunsilliera Kylie D'Amato.

**4.5.8 Kors mill-Primary Health Care - Telf ta' Piż Żejjed**

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li mill-lum ser jibda kors bl-isem ta' Telf ta' Piż Żejjed li qed isir fit-Tea Room fi Ġnien is-Serenita'. Hija qalet li ser jinħareġ avviż dettaljat għar-residenti ta' Santa Luċija biex jiġu mħeġġa jipparteċipaw f'dan il-kors.

**4.5.9 Cleanup Day**

Is-Sindku tkellmet dwar l-attivita' Cleanup Day li ser issir nhar is-Sibt, 21 ta' Settembru 2019. Hija qalet li huwa mistenni li jkun hemm madwar ħamsin

parteċipant f'din l-inizjattiva. Il-Kunsill qabel li l-avviżi jintbagħtu wkoll fil-ħwienet ħalli jkun hemm aktar parteċpanti għal din l-attivita'.

Is-Sindku tkellmet ukoll fuq il-problema ta' ġrieden fil-Ġnien is-Serenita' u qalet li kitbet lid-Dipartiment tas-Saħħa u ġew tal-*pest control* tal-Gvern li għamlu l-velenu sew fil-Ġnien kif ukoll fiċ-ċanet f'Dawret it-Torri.

**4.5.10 Talba għal użu ta' Ġnien is-Serenita'**

Is-Sindku ressqet talba li saret minn koppja li kellhom inċident fi Ġnien is-Serenita' fis-sena 2014 meta ingħalaq il-Ġnien u huwa kienu għadhom ġewwa. Hija qalet li din il-koppja qed titlob li tuża Ġnien is-Serenita' bħala *venue* għat-tieġ tagħha mingħajr ħlas. Ġie ppreżentat rapport tal-pulizija dwar dan l-inċident. Il-Kunsill qabel li jingħata skont ta' 10 fil-mija tal-ħlas dovut skond il-*Bye-Laws* ta' Ġnien is-Serenita'**.**

**4.5.11 Fun Run**

Is-Sindku infurmat il-Kunsill li ser issir Fun Run u ser tkun qed tieħu ħsieb din l-attivita' flimkien mal-organizzaturi.

**4.5.12 Wasteserv Social Marketing Campaign**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-Wasteserv ser tibda ddur il-lokalitajiet darba kull erba' ġimgħat biex tagħti tagħrif dwar separazzjoni tal-iskart. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa fil-ġranet u post indikat mill-Wasteserv.

**4.5.13 Cirk AKL 2019/102 – Online Permiting System & Right of Way Mandate**

Is-Sindku irreferit għaċ-ċirkulari hawn fuq imsemmija fejn l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tinnegozja qafas ta' ftehim f'isem il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ffirmat dan il-mandat.

**4.5.14 Cirk AKL 2019/101-Tindif ta' culverts tal-ilma tax-xita**

Is-Sindku rreferit għaċ-Ċirkulari hawn fuq imsemmija u qalet li ser jinġiebu kwotazzjonijiet biex ikun jista jiġi ordnat xogħol fuq it-tindif tal-*culverts* f'Dawret it-Torri, Triq Prinjoli u Triq il-Ġnien.

**4.5.15 Vakanza għal skrivan/a *part-time***

Is-Sindku nfurmat il-Kunsill li l-vakanza għall-skrivan/a *part-time* kienet ser tiġi irtirata u ser tiġi riveduta skond il-bżonnijiet tal-Kunsill.

**4.5.16 Memo SLLC22/2019 Spejjeż relatati ma' attivitajiet kulturali**

Is-Sindku irreferit għall-Memo SLLC22/2019 Spejjeż relatati ma' attivitajiet kulturali li nbagħtet għall-attenzjoni tal-Kunsill u qalet li kollox mar kif ippjanat u approvat.

**4.5.17 Sinjali tat-Toroq**

Is-Sindku qalet li hemm bżonn isiru *parking bays* fi Triq Ineż Soler ħalli il-*parking* f'din it-triq isir b'mod organizzat u mhux bl-addoċċ kif qed isir bħalissa. Is-Sindku rreferit ukoll għall-proposta tal-Viċi Sindku biex fi Triq Kaħwiela, Triq il-Ġibjun, Triq Fortizza u Triq l-Istefanotis isiru *no entry signs* waqt il-ħinijiet li tibda u tispiċċa l-iskola bħal ma hemm fejn skejjel oħra.

**4.5.18 Europe for Citizens – Proġett 3 Will**

Is-Sindku tkellmet fuq il-proposta biex il-Kunsill ikun *partner* fuq il-proġett 3 Will. Il-Kunsill qabel li jipprateċipa bħala *partner* fuq dan il-proġett li għadu fil-fażi ta' applikazzjoni.

**4.5.19 Laqgħa mal-LESA**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill b' laqgħa li hi flimkien mal-Viċi Sindku kellhom ma uffiċjali tal-LESA fir-rigward ta' l-introduzzjoni ta' aktar CCTVs fil-lokalita' ta' Santa Luċija u l-moniteraġġ tagħhom. Hija qalet li waqt il-laqgħa saret referenza għall-*areas* fejn l-aktar isir abbuż sew tat-traffiku kif ukoll fuq rimi ta' skart illegali u ħruġ ta'skart mhux skond ir-regola. Hija qalet li s-CCTV *cameras* għandhom isiru f'Pjazza Dorell, Pjazza 7 ta' Lulju u Triq Begonia. Hija qalet ukoll li fil-ġranet li ġejjin ser tiġi kordinata laqgħa oħra ma' uffiċċjali tal-LESA li għaliha jkunu preżenti wkoll *team* tekniku fuq CCTVs.

**4.5.20 Bliss Magazine**

Is-Sindku rreferit għal proposta ta' reklamar għall-użu ta' Ġnien is-Serenita' bħala *venue* għal tiġijiet. Il-Kunsill qabel li jixtri reklam ta' nofs paġna ta' din ir-rivista'.

**4.5.21 Integrazzjoni fuq Livell Lokali**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar talba mill-Community Integration Human Rights and Intergration Directorate biex wara laqgħa li saret ftit tax-xhur ilu, il-Kunsill jikkonferma li ser ikun qed iħaddan il-Karta tal-Integrazzjoni fuq Livell Lokali favur l-integrazzjoni fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li jibgħat il-konferma tiegħu f'dan ir-rigward.

**4.5.22 Talba biex isir Christmas Market / Bazaar biex jinġabru fondi għat-tfal tal-Cambodia**

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar din il-proposta u l-Kunsill qabel li dan il-bazaar għandu jsir fil-viċinanzi tal-Knisja San Piju X.

**4.5.23 Attivitajiet tal-Milied**

Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill kwotazzjoni li tammonta għas-somma ta' €2,750.00 biex jinxtegħlu t-toroq b'dawl dekorattiv fil-ġranet tal-Milied. Ġie deċiż li għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet oħra.

Is-Sindku qalet li ser isir kunċert tal-Milied li ser jittella' taħt il-Patronċinju tal-E.T il-President ta' Malta Dr George Vella . Hija qalet li dan il-kunċert ser jittella' bil-parteċipazzjoni tal-Joy Gospel u l-Kor Angelic Voices. Ġie deċiż li jintbagħtu l-inviti lill mistiednin distinti.

Is-Sindku qalet ukoll li fix-xahar ta' Diċembru ser jiġi organizzata attivita' għal kulħadd u attivita' oħra għat-tfal.

**4.5.24 Proġett tal-Awtorita' tad-Djar**

Is-Sindku tkellmet fuq proġett li l-Awtorita' tad-Djar bħalissa għandha quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar, proġett ta' tisbieħ u *upgrading* tal-*area* li tmiss ma' Blokk R u S u Blokk U. Hija ressqet quddiem il-Kunsill il-*Proposed Landscape Design Layout Plan* ta' dan il-proġett fejn jidher li l-*area* ta' madwar dawn il-binjiet ser timbidel kompletament. Hija qalet li dan il-proġett li huwa meqjus bħala '*green*' ser jiswa bejn is-€600,000 u €800,000 u ser ikun jinkludi faċilitajiet rikreattivi, *playing field żgħir*, passaġġi u siġar u pjanti flimkien ma' diversi għamara tat-toroq kif ukoll organizzazjoni ta' *parking spaces*.

**4.5.25 Ilmenti**

Il-Kunsill ikkunsidra dawn l-ilmenti u talbiet tar-residenti:

Ref: 79-2019: biex isiru *grids* fuq il-kanal tal-ilma fi Trejqet il-Ġirasol. Is-Sindku qalet li l-kwotazzjoni biex isir dan ix-xogħol tammonta għal madwar €3000.00. Il-Kunsill qabel li jipprova jsib soluzzjoni differenti.

Ref: 5-2019 biex isiru żewġ *parking spaces* fil-kantuniera ta' Triq iż-Żnuber ma' Triq Helen Buhagiar. Il-Kunsill qabel li jara ma' Transport Malta jekk dan hux possibli

Ref: 82/2019 biex jiġi rrangat ċint fejn il-ġibjun u tiġi rranġata xibka li hemm madwar il-ġibjun. Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra lill-Ambjent Malta f'dan ir-rigward.

Ref: 6/2019 biex isir U-bar quddiem ic-Child Care Centre fi Triq il-Begonia ħalli t-tfal żgħar ma jaqsmux it-triq. Il-Kunsill qabel għandha tinġieb l-approvazzjoni ta' Trasport Malta biex isir dan il-U-Bar quddiem l-entratura ta' din in-*nursery*.

Ref:64/2019 biex isir *street name* mill-ġdid fi Trejqet Stellamaris. Għandu jiġi ordnat *street name* għal din it-triq.

Ref: 65/2019 dwar fergħa ta' siġra taż-żebbuġ ġo parapett privat qed tesporġi fuq il-bankina. Għandha tintbgħat ittra lir-resident biex jitneħħa dan l-inkonvenjent.

**4.6 Laqgħa Pubblika**

Is-Sindku qalet li kif stipulat fil-liġi għall-Gvern Lokali Kap 363, Artiklu 3a, trid tinżamm Laqgħa Pubblika li fiha jinqara Pjan ta' Ħidma u ssir diskussjoni mar-residenti dwar il-Pjan ta' Ħidma. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li din il-laqgħa għandha ssir nhar il-Ħamis, 3 ta` Ottubru 2019 fis-6:00pm.

**4.7 Offerta SLLC SS(57-19-03) Servizz ta' Knis u Tindif ta' Toroq – Rapport ta' Evalwazzjoni**

Il-Kunsill ser ikun qed jiddiskuti dan is-suġġett fil-laqgħa li jmiss peress li l-evalwazzjoni fuq din is-sejħa għadha mhix finalizzata.

**4.8 Offerta SLLC SF(57-19-05)**

Il-Kunsill ser ikun qed jiddiskuti dan is-suġġett fil-laqgħa li jmiss peress li l-evalwazzjoni fuq din is-sejħa għadha mhix finalizzata.

**4.9 Sejħiet għall-Offerti**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ser tibda l-proċess biex jinħarġu dawn is-sejħiet għall-offerti fuq l-epps:

- Servizz ta' Contract Manager
- Servizz ta' Installazjoni u Manutenzjoni ta' Dawl tat-Toroq(Street Lighting)
- Servizz ta' Data Protection Officer

Il-Kunsill ta' l-approvazzjoni tiegħu biex is-Segretarju Eżekuttiv tkun tista' tipproċedi.

**4.10 Xogħolijiet**

Il-Kunsill iddiskuta ix-xogħolijiet ta' manutenzjoni li hemm bżonn isiru u qabel li għandu jiġi ordnat dan ix-xogħol:

- Manutenzjoni tal-bankini fi Triq Guljetta Lopez u fi Triq iċ-Ċinenarja.
- Crazy Paving f'Dawret it-Torri
- Rampa quddiem Blokk L Triq Znuber
- Manutenzjoni ta' kanal tal-ilma fi Triq Prinjoli fejn Trejqet Garnaw

**4.11 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku rreferit għall-*e-mail* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Nominazzjoni ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv. Hija qalet li l-Assistent Prinċipali tal-Kunsill ma' aċċettatx din in-nomina.

**4.12 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**4.12.1** Il-Kunsillier Sciberras bgħat *e-mail* biex jistaqsi dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar l-*animal welfare*. Is-Sindku qalet li diġa wieġbet li għad m'hemmx *feedback* f'dan ir-rigward.

**4.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 17 ta' Ottubru fil-5.30p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2019**

**Iffirmat** **Iffirmat**

**Charmaine St John** **Caroline Silvio**
**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**